

L-Erbgħa 16 ta' April 2014

P7_TA(2014)0444

Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija *I****Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbozz ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emenda tad-Deċiżjoni 2005/681/ĠAI li tistabbilixxi l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) (17043/2013 – C7-0435/2013 – 2013/0812(COD))****(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2017/C 443/112)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-inizjattiva li tressqet minn grupp ta' Stati Membri ppreżentata lill-Parlament u lill-Kunsill (17043/2013),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 76(b) u l-Artikolu 87(2)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema l-abbozz ta' att kien ippreżentat lill-Parlament (C7-0435/2013),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u (15) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni (COM(2014)0007),
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-5 ta' Marzu 2014, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 44 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0146/2014),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jiddisputja li l-Parlament Ewropew ma kienx involut b'mod sħiħ fl-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet u li kandidat wieħed biss għe ppreżentat lill-kumitat rilevanti, minkejja li għew ippreżentati wkoll seba' applikazzjonijiet wara li, flulju 2013, il-Prezidenza tal-Kunsill ħarġet sejħa għal applikazzjonijiet biex jiġi ospitat il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija fuq bażi provviżorja sakemm tinstab soluzzjoni fuq terminu twil għall-futur tal-Aġenzija. L-Istati Membri li ppreżentaw il-kandidaturi kienu l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, l-Italja, l-Ungerija, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Finlandja. Il-ftehim politiku kien ikkonfermat fil-laqgħa tal-Kunsill ĠAI fit-8 ta' Ottubru 2013; biħsiebu jitlob iktar informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-impatt tal-post preċiż qabel ma jiddeċiedi dwar il-pożizzjoni finali tiegħu.
 3. Jistieden lill-awtoritajiet baġitarji biex jiżguraw li l-ispejjeż addizzjonali marbuta mal-bidla fis-sede tas-CEPOL ikunu koperti b'mod sħiħ mill-pajjiż ospitanti attwali u permezz ta' baġit addizzjonali tal-Unjoni u għaldaqstant ma jiġix affetwat b'mod negattiv il-baġit regolari tas-CEPOL sabiex ma jipperikolawx il-ħtiġijiet operattivi normali tas-CEPOL.
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P7_TC1-COD(2013)0812**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-16 ta' April 2014 bil-ħsieb li tadotta r-Regolament (UE) Nru .../2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI li tistabbilixxi l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL)***(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 543/2014.)*